MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 870/2008

**General Workers' Union**

**-vs-**

**Bank of Valletta plc**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Awissu 2008 li permezz tiegħu l-Union attriċi ppremettiet:

1. Illi tilwima ta' xogħol kienet riferita mill-Union rikorrenti lill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni, Żagħżagħ u Xogħol permezz ta' ittra datata 23 ta' April 2005 bis-segwenti termini ta' riferenza: *"li l-Bank of Valletta plc għandu japplika l-benefiċċju tal-Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund b'mod uniformi u mhux b'mod arbitrarju u diskriminatorju u għalhekk għandu iħallas tali*

*benefiċċju lill-ħaddiema kollha li kieku jikkontribwixxu fil-Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund"* u din it-tilwima ta' xogħol ġiet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni, Żagħżagħ u Xogħol permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2005, riferenza 500/2004/98 biex tiġi proċessata skond l-artikolu 74 tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali;

2. Illi wara xejn inqas minn sentejn jisma' l-provi u sottomissjonijiet estensivi tal-partijiet, fl-10 ta' Mejju 2007, it-Tribunal Industrijali ta deċiżjoni sorprendenti meta qal li kien *"iddeċieda unanimament li dan it-Tribunal Industrijali, kif kostitwit, hu prekluż milli jiddeċiedi dwar il-każ"* u b'hekk *"temm"* din it-tilwima tax-xogħol;

3. Illi s-sentenza tat-Tribunal Industrijali hija skarna minn motivazzjoni iżda tagħmel biss referenza għal xi artikoli tal-liġi mingħajr ma tagħmel analiżi tal-istess. Dawn l-artikoli ma jagħtu ebda raġuni intelliġibbli għala t-Tribunal kellu jasal għal deċiżjoni li ma jiddeċidix il-mertu tal-vertenza. Is-sentenza hija konfuża u r-referenzi għall-artikoli tal-liġi, mingħajr analiżi ta' xejn u mingħajr spjegazzjoni, iservu biss sabiex jinħolqu aktar dubji dwar ir-raġuni għala t-Tribunal naqas li jiddeċiedi;

4. Illi *inoltre*, fil-limiti ta' dak li huwa spjegabbli mill-qari tad-deċizjoni, it-Tribunal Industrijali jidher li għamel apprezzament erroneu tal-liġi li tittratta l-kompetenza u l-kompożizzjoni tat-Tribunal Industrijali u tali żbalji induċew lit-Tribunal iżomm lura milli jittratta l-mertu tal-każ u jagħti deċiżjoni kif kien obbligat jagħmel skond il-liġi;

5. Illi *inoltre*, jirriżulta li t-Tribunal Industrijali kien influwenzat minn opinjonijiet u pariri ta' persuna jew persuni estranei għall-każ, mingħajr ma' l-partijiet kienu avżati b'dan u mingħajr ma' l-Union esponenti kellha l-opportunita' li tikkontrolla l-imparzjalita' ta' tali persuni;

6. Illi għar-raġunijiet suesposti u għal dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija null u bla effett *stante* illi t-Tribunal Industrijali:

(a) għamel apprezzament erroneu tal-liġi li tittratta l-kompetenza u l-kompożizzjoni tat-Tribunal Industrijali;

(b) aġixxa *oltre* l-kompetenza tiegħu u *ultra vires* meta ddikjara mitmuma t-tilwima ta' xogħol mingħajr ma effettivament ta deċiżjoni;

(c) aġixxa kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta ċaħħad lill-Union esponenti minn rimedju fil-liġi u ħalla lilu nnifsu jkun influwenzat minn persuna jew persuni estranei għall-proċeduri;

Għaldaqstant, tgħid is-socjeta' konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:

1. Tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-għaxra (10) ta' Mejju, elfejn u sebgħa (2007) fl-ismijiet premessi *stante* li l-istess Tribunal apprezza ħażin il-liġi applikabbli, kif ukoll peress li aġixxa *ultra vires* u bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, kif premess.

2. Tordna lit-Tribunal Industrijali jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-mertu tat-tilwima industrijali u dan taħt kull provvediment opportun.

Bir-riserva għal kull azzjoni fil-liġi u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Union attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-socjeta konvenuta, ippreżentata fl-1 ta' Dicembru 2008, li permezz tagħha espona:

1. Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors, *stante* li ma jħarisx dak li titlob il-liġi fl-artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandu jiġi liberat mid-domandi:

1.1 Illi fl-ewwel lok ir-rikors lanqas jindika b'mod ċar liema hi l-azzjoni li qed tressaq il-Union rikorrenti; u mkien fir-rikors ma hemm indikat liema dispożizzjoni legali hi li tagħti d-dritt lill-Union rikorrenti li ġġib l-azzjoni odjerna;

1.2 Illi hemm premessi li jwaqqgħu ir-rikors fl-ambitu ta' rikors għal ritrattazzjoni, f'liema każ dan huwa affett minn nuqqasijiet kemm proċedurali, fosthom id-dekadenza, kif ukoll sostantivi;

1.3 Illi hemm premessi oħrajn li jwaqqgħu lir-rikors odjern fl-ambitu tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, f'liema każ, kif ser jingħad 'il quddiem, huma inammissibbli;

1.4 Illi barra minn hekk, ir-rikors fih premessi, bħalma hi dik f'paragrafu ħamsa (5) tar-rikors, li tant huna vagi li jirrenduha mpossibbli għall-bank intimat li jeżerċita d-dritt tiegħu li jintavola difiża xierqa, tant huwa hekk li fuq kull eċċezzjoni l-Bank intimat ġie kostrett jispekula x'tip ta' azzjoni qiegħda tipprova tintavola l-Union rikorrenti, bi preġudizzju materjali għall-effikaċja tad-difiza tiegħu min dawn il-proċeduri abbusivi;

2. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Bank intimat għandu jiġi liberat mid-domandi *stante* li l-mertu ta' dina l-kawża huwa diġa' *res judicata*.

2.1 Illi għall-finijiet ta' korrettezza lejn din l-Onorabbli Qorti, il-Bank intimat jirrileva li l-Union rikorrenti diġa' interponiet appell, lill-Onorabbli Qorti tal-Appell (sede inferjuri), mid-deċiżjoni bin-numru 1785, li ngħatat fl-10 ta' Mejju 2007, (id-"Deċiżjoni"), tat-Tribunal Industrijali, (it-"Tribunal"), u li dawn il-proċeduri huma biss tentattiv ulterjuri ta' appell ieħor;

3. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-każ illi l-azzjoni odjerna hija fl-ambitu ta' l-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bank intimat għandu jiġi liberat mid-domandi *stante* (i) l-inamissibbilta' u l-invalidita' tar-rikors, *stante* li l-Union

rikorrenti ma ottemporatx ruħha mat-terminu ta' dekadenza impost mill-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) li l-allegazzjoni li t-Tribunal għamel apprezzament erroneu tal-liġi ma tinkwadrax ruħha fil-kuntest ta' azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi f'każ li dina mhix azzjoni impustata fl-ambitu tal-artikolu 469A u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Bank intimat għandu wkoll jiġi liberat mid-domandi *stante* li ma jeżisti ebda rimedju, fl-ordni ġuridiku nostrali, bħal dak mitlub mill-Union rikorrenti u partikolarment fejn tribunal jew Qorti jagħmlu apprezzament ħażin tal-fatti;

5. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u f'każ li dawn huma proċeduri impustati *ai termini* tal-artikolu 469A, it-talbiet tal-Union rikorrenti huma xorta waħda nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li d-deċiżjoni *de quo* la hi *ultra vires*, la tmur kontra r-regoli tal-ġustizzja naturali u lanqas hi kontra l-liġi li taħtha twaqqaf it-Tribunal, u għalhekk il-Bank intimat għandu jiġi liberat mid-domandi;

6. Illi l-paragrafu 1 tar-rikors mhux kontestat;

7. Illi paragrafu 2 tar-rikors huwa kontestat in kwantu l-Bank intimat ma jaqbilx illi d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet waħda 'sorprendenti';

8. Illi l-paragrafu 3 tar-rikors huwa kontestat fis-sens illi d-Deċiżjoni kienet ampjament motivata; u l-Bank intimat isibha diffiċli jifhem kif il-Union rikorrenti setgħet tonqos milli tara l-motivazzjoni tat-Tribunal, liema motivazzjoni hija evidenti kemm fid-Deċiżjoni, kif ukoll mir-rikors stess, fejn wieħed mill-ewwel jipperċepixxi li l-motivazzjoni, li wasslet lit-Tribunal jiddeċiedi bil-mod ta' kif iddeċieda, hija li t-Tribunal, kif kompost, ma kellu ebda kompetenza li jieħu konjizzjoni tal-każ li nġieb quddiemu; u li allura l-verita' mhux li d-Deċiżjoni hija *"skarna minn motivazzjoni"*, iżda sempliċiment li l-Union rikorrenti ma taqbilx ma' din il-motivazzjoni – raġuni li ma tagħtix lok għal rimedju permezz ta' dawn il-proċeduri;

9. Illi fir-rigward tal-paragrafu 4 tar-rikors, kif ingħad iktar ’il fuq, l-allegazzjoni li t-Tribunal għamel apprezzament erroneu tal-liġi li titratta l-kompetenza u l-kompożizzjoni tat-Tribunal ma jinkwadrax fil-kuntest ta’ azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u li, fi kwalunkwe każ, din l-allegazzjoni hija wkoll infondata;

10. Illi fir-rigward tal-paragrafu 5 tar-rikors, mhux possibbli għall-Bank intimat li jirrispondi, *stante* li mhux ċar x’qiegħda tipprova tallega l-Union rikorrenti, u li fi kwalunkwe każ, minn dak li jista’ jiġi deċifrat mill-allegazzjoni, din ma tinkwadrax bħala bażi għal azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

11. Illi l-paragrafu 6 tar-rikors huwa kontestat in kwantu:

a. it-Tribunal ma għamilx apprezzament erroneu tal-liġi, u anke li kieku dan kien il-każ, dawn il-proċeduri ma jistgħux joffru rimedju lill-Union rikorrenti;

b. it-Tribunal ma aġixxiex *ultra vires stante* li osserva d-dispożizzjonijiet tal-Att, senjatament dawk li jirregolaw il-kompożizzjoni tat-Tribunal f’ċirkustanzi partikolari, bħalma huma dawk fejn jiġi allegat trattament diskriminatorju;

ċ. it-Tribunal tant mexa skond ir-regoli tal-ġustizzja naturali, li qabel wasal għall-konklużjoni, li ma kienx kompetenti jiddeċiedi dwar il-mertu tal-vertenza, it-Tribunal sema’ l-provi sabiex ikun ċert illi l-vertenza hija waħda li tinkwadra fl-artikolu 26 (2) (b) tal-Att, li: (i) għandha tiġi riferita lit-tribunal direttament; (ii) hija soġġetta għal perjodu ta’ dekadenza ta’ erba’ (4) xhur; u (iii) għandha tiġi deċiża minn *chairperson* li jkun avukat b’esperjenza ta’ għall-inqas seba’ (7) snin;

12. Illi ulterjorment, meta wieħed iħares lejn iċ-ċirkustanzi tal-każ, jibda jifhem għaliex fl-ewwel lok il-

Union rikorrenti għażlet li tipproċedi bil-vertenza tagħha bħala tilwima ta' xogħol, minflok ma ħarset id-dispożizzjonijiet tal-Att li jirrikjedu referenza diretta lit-Tribunal f'dawn il-każijiet – Dan huwa mod konvenjenti ta' kif wieħed jittenta jevadi l-fatt li l-azzjoni li jixtieq jagħmel tkun tardiva mill-bidu nett, għaliex il-perjodu ta' dekadenza jkun għadda. Iżda t-Tribunal ma tax lok għal dan l-abbuż, li huwa proprju dak li l-Att jipprova jevita, u ddeċieda b'mod korrett u kuraġġjuż, illi ma kienx kompetenti li jiddeċiedi l-mertu tal-każ minħabba l-kompożizzjoni tiegħu;

13. Illi r-rikors tal-Union rikorrenti huwa l-aħħar tentattiv, u pjuttost goff, li għandha sabiex tipprova, għalkemm b'mod mhux permess mil-liġi, iżżomm il-paċi mal-membri tagħha minflok tispjegalhom in-nuqqas tagħha li tirreferi l-każ lit-Tribunal *entro* ż-żmien stipulat mill-Att;

14. Illi fid-dawl ta' dan, il-Bank intimat jissottometti li mhux talli t-Tribunal ta motivazzjoni suffiċjenti għad-Deċiżjoni, u mhux talli apprezza l-liġi b'mod korrett, iżda wkoll kien għaqli biżżejjed sabiex ma jiġix żvijat mill-Union rikorrenti u wasal biex korrettement jiddeċiedi li, kif kompost, ma setgħax jiddeċiedi l-każ li kien quddiemu b'mod ġust u ekwu kif mistenni u obbligat mill-Att;

15. Illi għaldaqstant, u għar-raġunijiet suesposti, il-Bank intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tal-Union rikorrenti;

16. B'riserva għal eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra l-Union rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel erba' eċċezzjoniet.

Rat is-sentenza sussegwenti ta’ din il-Qorti mogħtija fil-11 ta’ Marzu 2009 li permezz tagħha ġew miċħuda dawn l-eċċezzjonijiet u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fis-19 ta’ Jannar 2010 li kkonfermat din is-sentenza;

Rat l-affidavits u semgħet il-provi;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-att promotur l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li d-deċizjoni meħuda mit-Tribunal Industrijali fl-10 ta’ Mejju 2007 hija nulla għar-raġunijiet indikati fir-rikors; il-banka konvenuta qed tikkontesta dan kollu kif jidher mir-risposta ampja li ppreżentat.

Fis-sentenza tagħha tal-11 ta’ Marzu 2009 fuq imsemmija din il-Qorti, *inter alia*, qalet illi:

*“Ir-raba’ eċċezzjoni allura li ġiet intavolat f’każ li l-azzjoni mhijiex taħt l-Artikolu 469A trid tiġi nvestigata; din tgħid illi taħt l-ordinament ġuridiku tagħna din l-azzjoni mhiex ammissibbli għaliex m’hemmx rimedju fejn kif qed jallegaw l-atturi, isir apprezzament ħażin tal-fatti. Il-Qorti taqbel ma’ dan għaliex altrimenti tkun qed isservi ta’ Qorti ta’ Appell, meta kif ġia rreteniet ġustament il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fuq l-istess mertu, dan l-appell ma jeżistix. Għalhekk qed tagħmilha ċara li l-union attriċi ma tistax tibbaża l-kawża tagħha fuq il-fatt li t-tribunal għamel apprezzament tal-fatti jew inkella interpetazzjoni ħażina tal-liġi ut sic. Biss il-Qrati tagħna diversi drabi ddikjaraw bl-aktar mod ċar illi huma għandhom kompetenza jissindakaw deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali fi tlett każi partikolari, u dawn it-tlett każi biss, kif tgħid is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta’ Mejju 1993 fil-kawża fl-ismijiet **“Dr Vincent Falzon nomine vs Isabelle Grima”**;*

*L-impunjazjoni ta' deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali hija limitata għal tlett kategoriji ta' difetti:*

*a. Eċċess ta' ġurisdizzjoni;*

*b. Non osservanza tal-istess liġi kostituttiva;*

*c. Non osservanza ta' xi wieħed mill-prinċipji naturali tal-ġustizzja.*

*Illi dan l-insenjament jinsab f'diversi sentenzi oħra, bħal **"Borg D'Anastasi vs Decesare nomine**" (Prim' Awla 3 ta' April 1989) u "**Mallia nomine vs Debono nomine**" (Qorti tal-Appell 13 ta' Frar 1993), u ħafna sentenzi oħra.*

*Għalhekk limitatament dwar dawn it-tlett kawżali, din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' l-provi biex tiddeċiedi dwar jekk id-deċiżjoni tat-Tribunali tistax tiġi dikjarata nulla ...'*

Illi fi kliem ieħor allura, il-Qorti trid tara jekk id-deċiżjoni li ħa t-Tribunal fil-vertenza in kwistjoni għandiex tiġi dikjarata nulla minħabba f'xi waħda minn dawn ir-raġunijiet. Fin-nota ta' sottomissjonjiet tagħha l-Union ikkonċentrat fuq tlett punti, u ċjoe' illi s-sentenza tat-Tribunal ma hijiex motivata, li t-Tribunal iddeċida ħażin fir-rigward tal-kompetenza tiegħu u li l-istess Tribunal ħa parir ta' żewġ Avukati prattikanti matul il-kors tal-kawża mingħajr ma nforma lill-partijiet. Fil-fatt fin-nota tagħha l-Union elenkat l-aggravji tagħha fuq;

1. In-nullita' tad-deċiżjoni;

2. L-apprezzament erronju tal-liġi li titratta l-kompetenza u l-kompożizzjoni tat-tribunal industrijali; u

3. Ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Illi fir-rigward tal-ewwel lanjanza l-Qorti jidhrilha li t-Tribunal seta' mmotiva aħjar id-deċiżjoni tiegħu iżda l-attriċi mhiex għal kollox korretta meta tgħid li t-Tribunal ma **mmovitax** id-deċiżjoni. Fil-fatt id-**decide** tas-sentenza

hija preċeduta minn dawn il-kliem: *“Minħabba li ma jirriżultawx mill-provi li l-benefiċċju tat-topping up kien jifforma parti minn kuntratt ta’ impjieġ, jew mnn ftehim kollettiv, u fid-dawl ta’ dak kollu li jingħad fl-artikolu 5.1, 5.2, 5.3 u 5.4 ta’ hawn fuq it-Tribunal Industrijali kkonkluda li l-każ jinkwadra fil-provvedimenti tal-Artiklu 26 (2) (b) u mhux fl-Artikolu 2 Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta’ Malta.* Kien allura għalhekk li t-Tribunal iddeċieda li kif kien kostitwit kien prekluż li jiddeċiedi dwar il-każ. Għalhekk wieħed ma jistax jgħid li d-deċiżjoni ma kienitx motivata *sia pure* bi kliem li wieħed ma jirriskontrax fi kwistjonijiet li għandhom sfond legali u dan għas-sempliċi raġuni li t-Tribunal ma kienx kompost minn persuni bi sfond legali. Naturalment it-Tribunal kien messu ndika wkoll l-artikoli l-oħra tal-Kap. 452 li jistabbilixxu l-kompożizzjoni tat-Tribunal fil-każi ta’ diskriminazzjoni bħal per eżempju l-Artikolu 30 (3). Pero’ ladarba jinftiehem ir-raġuni għad-deċiżjoni tat-Tribunal il-Qorti ma ssibx li f’dan ir-rigward il-lanjanza hija ġustifikata.

Illi għal raġunijiet li jidhru ċari aktar ’il quddiem il-Qorti l-ewwel se tittratta l-aħħar lanjanza għaliex issib li din hija ġustifikata. Matul il-perkors tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-istess Tribunal ħass li peress li ma kien hemm ebda persuna ta’ sfond legali fil-kompożizzjoni tiegħu, li kellu bżonn parir ta’ Avukat. Jirriżulta mid-depożizzjoni tal-membri tat-tribunal u tas-Segretarju tal-istess organu Vincent Micallef, li huma avviċinaw l-ewwel lil Dr Hugh Peralta u sussegwentement lil Dr. George Abela (illum l-Eċċellenza Tiegħu l-President ta’ Malta) u ħadu l-parir tagħhom. Dan sar apertament fir-rigward tal-membri tat-Tribunal fis-sens li ġew esebiti d-debiti riċevuti rilaxxati minn dawn iż-żewġ persuni. Naturalment kif sewwa rriflettiet l-attriċi fin-nota tagħha, ma hemm ebda ħsieb li xi ħadd jiddubita mill-integrita’ jew kapaċita’ professjonali taż-żewġ Avukati msemmija li taw il-pariri li ġew mistoqsija mit-Tribunal, iżda indubbjament dan sar mingħajr ma’ l-partijiet kienu jafu b’dan. F’dan ir-rigward it-Tribunal kien obligat li josserva l-Artikolu 77 (2) tal-Att kostituttiv tiegħu li jindika x’għandu jagħmel it-Tribunal meta jkollu bżonn jaħtar esperti. Dan l-artikolu jindika li l-espert għandu jagħti l-opinjoni tiegħu u jikkonferma bil-ġurament u dan isir naturalment biex il-partijiet fil-kwistjoni jkunu jistgħu

jikkontrollaw dak li qed isir u jekk ikun hemm bżonn isaqsu d-domandi li jidhrilhom anke fuq parir ta' espert *ex parte*. Din hija fuq kollox il-proċedura adottata mill-Qrati kif indikata mill-Kodiċi tal-Proċedura u t-Tribunal irid isegwiha wkoll anke għat-trasparenza li kienet għal kollox mankanti f'dan il-każ. Għalhekk il-Qorti se tiddikjara nulla s-sentenza tat-Tribunal billi mhux biss ma ġietx osservata l-proċedura fir-rigward iżda dan ukoll kiser il-prinċipju tal-ġustizzja naturali – *audi alteram partem* – anzi f'dan il-każ kienu **ż-żewġ partijiet** li ma kellhomx leħen bil-proċedura li adotta t-Tribunal. Għalhekk fuq din il-kawżali ċertament il-Qorti se tiddikjara nulla d-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal.

Illi fir-rigward tat-tieni lment l-Union qed titlob ukoll li l-Qorti tordna lit-Tribunal jagħti d-deċiżjoni dwar il-każ in eżami u allura tbiddel id-deċiżjoni tat-Tribunal li kif kostitwit ma kellux kompetenza jiddeċiedi l-każ. F'dan ir-rigward normalment il-Qorti ma tistax tissostitwixxi ruħha għat-Tribunal fis-sens li ma tistax tiddeċiedi hi minflok it-Tribunal il-kwistjoni li jkollha quddiemha. Madankollu l-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ it-Tribunal ma setax jiddeċiedi li jittermina l-kwistjoni tax-xogħol kif għamel. Meta Tribunal jiddeċiedi li ma jkollux il-kompetenza li tagħtih il-liġi biex jisma' u jiddeċiedi l-każ, **ma jtemmx il-vertenza iżda jħalliha miftuħa**. Għalhekk jekk f'dan il-każ huwa ddeċieda li ma kienx kompetenti kellu jieqaf hemmhekk u *se mai* iħalli l-każ jieħu l-kors normali tiegħu u b'dan il-mod, jekk ma jkunx hemm impedimenti ta' żmien, jippermetti lil min ikun ipproponih biex jerġa' jagħmel dan. Fil-każ in eżami, il-kostituzzjoni tat-Tribunal ma tiddependix mill-partijiet li jressqu l-każ, fis-sens li jkun l-istess apparat amministrattiv li tipprovdi l-liġi li tistabilixxi l-kompożizzjoni tiegħu, dejjem naturalment mill-**panel** li huwa mwaqqaf skond l-Artikolu 73 (2) tal-Att in kwistjoni u skond il-parametri l-oħra tal-istess liġi. Li kellu jagħmel allura t-Tribunal f'dan il-każ kien li jiddeċiedi li ma kienx kompetenti kif kostitwit (dejjem jekk iħoss li dan hu l-każ) u allura jippermetti, ukoll jekk ikun il-każ, lil min għandu s-setgħa skond il-liġi li jaħtar Tribunal ieħor (u allura kompost mod ieħor) biex jisma' l-każ.

Illi hemm ukoll fattur ieħor li ma ssemma xejn fit-trattazzjoni tal-kawża, u cjoe' li l-banka konvenuta ma jidhirx li f'xi ħin opponiet għall-kompetenza tat-Tribunal kif kostitwit u fil-fatt l-istess Tribunal sema' diversi xhieda fuq il-mertu qabel ma ta d-deċiżjoni tiegħu.

Illi l-Qorti qed tagħmel dawn il-konstatazzjonijiet peress li hija ma tistax tiddeċiedi jekk it-Tribunal kif kien kompost kienx kompetenti jew le għaliex dik hija kwistjoni li jrid jiddeċidiha hu stess skond il-liġi li kkostitwitu u dan anke għaliex billi l-Qorti se tiddikjara nulla d-deċiżjoni ma tistax fl-istess ħin tirriformaha għax dak li huwa null m'għandux effett – *quod nullum est nullum effectum producit*. Madankollu jidhrilha illi b'dak li qed tindika lit-Tribunal, ma terġax ikollha quddiemha deċiżjoni simili, u ċjoe' dik ta' Tribunal li jiddikjara li mhux kompetenti u fl-istess ħin jagħlaq il-vertenza hu stess!

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-banka konvenuta, u tilqa' t-talbiet attriċi billi tiddikjara nulla d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fuq indikata, u tordna li l-kwistjoni tiġi riferita mill-ġdid lill-istess Tribunal biex jiddeċidiha mill-ġdid.**

**L-ispejjeż billi si tratta ta' żball ta' Tribunal, ikunu bla taxxa bejn il-partijiet, naturalment ħlief dawk ġia' deċiżi mill-Qorti tal-Appell.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------